MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2009

Numru. 1187/2008

Il-Pulizija
(Sp Tony Cachia)
vs
George Falzon, iben Carmel, imwieled Pieta' fit-22 ta' Frar, 1985

Il-Qorti,

Rat l-akkużi kontra l-imputat –

1. talli fit-30 ta' Novembru, 2008 għal ħabta tad-9.00 p.m. fi Triq Mikelang Sapiano, Żebbuġ mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Doris Debono f'perikolu ċar, ikkaġuna ġrieħi ta' natura gravi fil-ġisem jew fis-saħħa ta' Doris Debono, skond kif iċċertifika Dr. Tracy Lee Azzopardi M.D.;

2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi, ħebb għal persuna ta' Doris Debono sabiex jinġurja, idejjaq jew jagħmel ħsara lil din il-persuna;
3. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi, volontarjament kiser il-bon ordni u il-paċi pubblika bl'għajjat u bil-ġlied.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, tipprovdi skond l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali għas-sigurta' ta' Doris Debono.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta' Ġunju, 2009 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukata ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 216(1)(d), 338(dd) u 339(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali. Rat l-ammissjoni ta' l-imputat u il-fedina penali netta tiegħu. Tikkundannah għal piena ta' tmintax (18) il-xahar priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien tlett snin mil-lum. Minbarra dan, rat l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali u torbot lill-imputat taħt garanzija ta' €200 li ma jkellimx jew jimmolesta lil Doris Debono għal żmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------